MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Talba Numru. 848/2008

**Mobisle Communications Limited**
**(C-24655)**

**vs**

**Carmelo Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta` Ottubru, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Euro621.23c rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contract number 1011475 ghal servizzi rezi fix-xhur ta` bejn is-sena 2007 u 2008.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 30 ta` April, 2008 u ta` mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment ma` dana l-att u bl-imghax legali sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-3 ta` April, 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro621.23c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------